MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1582/2002

***Pater Finance Co. Ltd.***

***Vs***

***Johanna Attard***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u sebgha lira Maltin (Lm1007) rappresentanti mport ta' disa' kambjali, wahda ta' Lm7 (bilanc) u tmienja (8) ta' mija u hamsa u ghoxrin lira-il wahda (Lm125), debitament accettati u skaduti minn Novembru 2001 sa Lulju

2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-avviz u mmarkati bhala Dokumenti bin-numru 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata f’Mejju 2002 kontra l-konvenuta u bl-imghaxijiet mill-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata fl-20 ta’ Settembru 2002 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba taghha ghal seba mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin (Lm727).

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr Chris Vella ghan-nom tas-socjeta’ attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma kif ridotta fl-ammont ta’ seba mija u sebgha u ghoxrin liri Maltin (Lm727), kif ukoll l-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata f’ Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**